# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum it-Tnejn, 5 ta' Diċembru, 2022

**Kawża Nru. 15**

**Rik. Nru. 74/2022ISB**

**L-Avukat Dr Jean C Farrugia (K.I. 244176M) bħala l-istralċjarju tal-kumpanija NC-Metric SICAV plc (SV9)**

vs

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **L-Avukat Dr Jean C Farrugia (K.I. 244176M) bħala l-istralċjarju tal-kumpanija NC-Metric SICAV plc (SV9)**, intavolat fit-22 ta' Lulju 2022, li permezz tiegħu talbu lill-Qorti sabiex:

> *"... filwaqt li tagħti wkoll dawk il-provvedimenti l-oħra kollha skont il-Liġi, u li jidhrilha xierqa u opportuni, tordna li isem tal-kumpanija NC-Metric SICAV plc (SV9) jiġi restitwit fuq ir-Registru tal-Kumpaniji ai termini tal-artikolu 300B tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta."*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-azzjonijist tal-kumpanija NC-Metric SICAV plc (SV9) ("**il-Kumpanija**"), il-kumpanija bdiet proċeduri għax-xoljiment u stralċ volontarju ai termini tal-artikolu 265 (1) tal-Kap. 386*

*tal-Liġijiet ta' Malta, u dan wara illi l-Kumpanija ddikjarat illi tista' tħallas id-djun kollha tagħha;*

2. *Illi l-esponenti Avukat Dr. Jean C. Farrugia huwa awtorizzat jippreżenta dan ir-rikors wara illi l-istralċjarju preċedenti dan irreżenzja fit-30 ta' Novembru 2010, u minfloku ġie maħtur l-esponenti sabiex jkompli l-proċess ta' stralċ volontarju;*

3. *Illi fis-27 ta' Jannar 2022 l-esponenti stralċjarju sejjaħ laqgħa ġenerali bejn il-membri fejn wera kif kien tmexxi l-istralċ u kif l-assi tal-Kumpanija ser ikunu qegħdin jiġu distribwuti skont l-iskema ta' distribuzzjoni u rapport tal-awditur. Illi l-istralċjarju esponenti proċedu billi bagħat kopja tar-rendikont, tal-iskema tad-distribuzzjoni flimkien mal-prospett tat-tali laqgħha ġenerali lir-Reġistratur tal-Kumpaniji ai termini tal-artikolu 274 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi wara illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji rreġistrat d-dokumenti msemmija, ġie ppubblikat avviż ai termini tal-artikolu 401(1)(e) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta datat l-1 ta' Marzu 2022 sabiex malli jgħaddu tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż msemmi isem il-Kumpanija jitħassar minn fuq ir-reġistru (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok NC1**');*

5. *Illi kif jirriżulta mir-rendikont u mill-iskema tad-distribuzzjoni mħejja mill-istralċjarju (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok NC2**'), il-Kumpanija kellha fil-pussess tagħha s-somma kumplessiva ta' miljun, mija u sitta u disgħin elf, ħames mija u seba Dollari Amerikani (USD 1,196,507) liema somma għandha tiġi distribwita lill-azzjonijisti skont l-iskema msemmija;*

6. *Illi minkejja l-fatt illi l-istralċjarju esponenti rnexxielu jiddistribwixxi s-somma ta' ħamsa u tmenin elf, seba' mija u sbatax-il Dollaru Amerikan u ħamsin ċenteżmu (USD 85,717.50), l-istralċjarju sab diffikulta' sabiex jintraċċa u jqassam il-kumplament tal-assi tal-Kumpanija minħabba raġunijiet relatati ma due diligence stante illi ċertu azzjonisti kienu għadhom m'għaddewx id-dokumentazzjoni rikjesta lill-istess. B'riżultat ta' dan, fadal l-ammont kumplessiv ta' miljun, mija u għaxart elef, seba' mija u disgħa u tmenin Dollaru Amerikan u ħamsin ċenteżmu (USD 1,110,789.50) sabiex jiġi distribwit lill-azzjonisti relattivi;*

7. *Illi fit-13 ta' Mejju 2022 u ċioe tmintax (18) -il ġurnata qabel l-iskadenza tat-terminu ta' tlett xhur surreferit, l-esponenti stralċjarju ppreżenta rikors quddiem dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 275 (1) tal- Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dina l-Qorti tiddiferixxi d-data li fiha l-isem tal-Kumpanija għandu jitħassar mir-reġistru u dan in vista' tal-fatt illi għad fadal assi tal-Kumpanija li għandhom jiġu ddistribwiti;*

8. *Illi minħabba l-fatt illi fl-1 ta' Ġunju 2022 ir-Reġistratur kien għadu mhux notifikat b'tali rikors, ir-Reġistratur pproċeda sabiex ħassar isem il-Kumpanija mir-reġistru. Kien biss fis-17 ta' Ġunju 2022 illi r-Reġistratur ħa konjizzjoni tal-imsemmi rikors, iżda sa dakinhar isem il-Kumpanija kien diġa tħassar (Estratt meħud tal-viżwali mill-website tar-Reġistru qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '**Dok NC3**');*

9. *Illi r-rikors surreferit, li ġie mogħti n-numru ta' referenza 54/2022 ISB, ġie appuntat għas-smiegħ għal nhar it-8 ta' Lulju 2022, waqt liema seduta l-avukat tar-Reġistratur infurmat lil dina l-Onorabbli Qorti li lejliet is-seduta r-Reġistratur ippreżentat ir-risposta tagħha permezz ta' liema, filwaqt illi ddikjarat illi mhijiex opposta għat-talba tar-rikorrenti, ladarba l-isem tal-kumpannija kien leħaq ġie mħassar l-artikolu in kwistjoni ma kienx għadu aktar applikabbli;*

10. *Illi in vista tas-suespost u sabiex l-affarijiet tal-Kumpanija jkunu stralċjati finalment, jeħtieġ illi l-isem tal-Kumpanija jerġa jitqiegħed mill-ġdid fir-reġistru tal-kumpaniji stante illi dan huwa l-unika rimedju a disposizzjoni tal-istralċjarju sabiex tiġi sanata l-irregolarita' illi nħolqot fiċ-ċirkostanzi odjerni, u b'hekk ikun jista' jingħalaq definittivament l-istralċ.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 17).

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta` Lulju 2022 minn fejn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-5 ta' Ottubru fid-9:30am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Registratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpaniji kien notifikat fis-26 ta' Awwissu 2022 (ara tergo ta` fol 19).

Rat illi fis-6 ta' Settembru 2022, ir-**Registratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta ir-risposta tiegħu (fol 20), li permezz tagħha, hija sostniet:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali ta' din il-kawża, l-intimata Reġistratur tirrimetti ruħhu għall-provi u għall-ġudizzju superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi kif ġie rilevat fir-rikors promotur, il-kumpanija NC-Metric SICAV plc (SV 9) kienet ġiet xolta permezz ta' deċiżjoni volontarja tal-kumpanija u l-uffiċjali tagħha stess;*

*Illi fl-24 ta' Frar 2022 l-istralċjarju kien ħa ħsieb sabiex jibgħat għar-reġistrazzjoni d-dokumentazzjoni relevanti illi twassal għat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi l-esponenti, wara illi ġie kkonfermat illi d-dokumentazzjoni msemmija kienet konformi mil-liġi speċifikament mal-Att dwar il-Kumpaniji, imxiet sabiex tirre;istra dawn id-dokumenti, skont l-Artikolu 401 tal-Att;*

*Illi wara illi ġiet reġistrata d-dokumentazzjoni msemmija aktar qabel illi ġiet mibgħuta mill-istralċarju, l-esponenti pproċediet sabiex fl-1 ta' Marzu 2022*

*tippublika l-avviż illi l-kanċellament tal-kumpanija kellu jiġi fis-seħħ f'għeluq it-tlett xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi;*

*Illi minkejja tali publikazzjoni ħadd ma għamel xi tip ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem tas-soċjetà in kwistjoni minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi per konsegwenza, fl-1 ta' Ġunju 2022 ir-Reġistratur mxiet sabiex tippubblika l-avviż fuq il-website miżmuma minnha, illi b'effett mill-istess data, l-isem NC-Metric SIVAC plc (SV 9) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi kien biss fis-17 ta' Ġunju 2022 illi r-Reġistratur kienet ġiet formalment notifikata bir-rikors fejn l-istralċjarju kien qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tista' tiddeferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpanija NC-Metric SICAV PLC (SV 9) kellu jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi kien għalhekk illi billi l-esponenti kienet ġiet mgħarrfa bl-imsemmi rikors illi kien sar ai termini tal-Artikolu 275 (1) tal-Att meta effettivament kien diġa għalaq it-terminu preskritt mil-liġi, ir-rikorrent spiċċa mingħajr rimedju u b'ammont sostanzjali ta' flus illi ma kienx ġie meqjusa fl-iskema ta' distribuzzjoni tal-kumpanija;*

*Illi għalhekk ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva illi lesta illi toqgħod għal kull direzzjoni u terminu illi dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi huwa ekwu u xieraq illi timponi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fl-20 ta' Settembru 2022 li permezz tagħha ppreżenta affidavit tal-istess rikorrenti (Dok JF1, fol 24 sa 25)

Rat illi fl-udjenza tasl5 ta' Ottubru 2022, dehru l-Avukati Jonathan Thompson u Francesca Mifsud għar-rikorrenti u dehret Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpanniji li ddikjaraw li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu u l-Qorti rat illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għal-llum għall-provediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

### Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta mill-atti illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li r-rikorrenti huwa stralċjarju tal-kumpanija **NC-Metric SICAV plc (SV9)** liema kumpanija ġiet reġistrata fid-19 ta' Ottubru 1999 u sussegwentament giet xjolta u *struck off* nhar l-1 ta' Ġunju 2022 u dana permezz ta' proċess ta' likwidazzjoni volontarja.

Illi fis-27 ta' Jannar 2022, ir-rikorrenti sejjaħ laqgħa ġenerali fejn il-membri approvaw l-iskema ta' distribuzzjoni tal-assi tal-kumpanija u sussegwentament bagħat kopja tar-rendikont, tal-iskema tad-distribuzzjoni flimkien mal-prospett tat-tali laqgħa ġenerali lir-Reġistratur tal-Kumpaniji ai termini tal-artikolu 274 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji rreġistrat d-dokumenti msemmija u l-avviż ai termini tal-artikolu 401(1)(e) ġie ppublikat fl-1 ta' Marzu 2022 sabiex malli jgħaddu it-tliet xhur minn dik id-data, il-kumpanija tiġi *struck off* minn fuq ir-reġistru.

Illi rriżulta li fit-13 ta' Mejju 2022, u ċioe tmintax (18) -il jum qabel l-iskadenza tal-imsemmi terminu, ir-rikorrenti intavola rikors ai termini tal-artikolu 275(1) tal-Kap 386 sabiex jiġi estiż l-imsemmi terminu minħabba li kien sab diffikulta` sabiex jintraċċa u jqassam l-assi tal-Kumpanija, anke minħabba li ċertu azzjonisti kien għadhom m'għaddewlux id-dokumenti neċessarji.

Illi minħabba li r-Reġistratur tal-Kumpaniji kien għadu mhux notifikat bl-imsemmi rikors, l-isem tal-kumpanija tħassar minn fuq ir-Reġistru fl-1 ta' Ġunju 2022.

Għalhekk ir-rikorrenti qiegħed jitlob li isem il-kumpanija **NC-Metric SICAV plc (SV9)** jiġi restitwit fir-Reġistru sabiex tiġi sanata l-irregolarita` illi nħolqot.

Illi jirrizulta illi l-posizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** tista' titqies waħda pjuttost newtrali fejn qed tikkonferma l-fatti kif dedotti mir-rikorrenti u tikkonferma li minħabba li l-istess Reġistratur ma ġiex notifikat bir-rikors illi kien sar ai termini tal-Artikolu 275(1) tal-Kap 386 fil-ħin, ir-rikorrenti spiċċa mingħajr rimedju u b'ammont sostanzjali ta' flus illi ma kienx ġie meqjus fl-iskema ta' distribuzzjoni tal-kumpanija.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fl-affidavit tiegħu ir-rikorrenti, **Dr Jean C Farrugia,** bħala stralċjarju tal-kumpanija NC-Matric SICAV plc (SV9) jgħid illi l-kumpanija bdiet proċeduri għax-xoljiment u stralċ voluntarju ai termini tal-artikolu 265(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara dikjarazzjoni ta' solvenza.

Jispjega li wara li l-istralċjarju preċedenti irriżenja fit-30 ta' Novembru 2010, hu ġie maħtur stralċjarju sabiex ikompli l-proċess.

Jispjega illi fis-27 ta' Jannar 2022, hu sejjaħ laqgħa ġenerali fejn il-membri approvaw l-iskema ta' distribuzzjoni tal-assi tal-kumpanija u sussegwentament bagħat kopja tar-rendikont, tal-iskema tad-distribuzzjoni flimkien mal-prospett tat-tali laqgħa ġenerali lir-Reġistratur tal-Kumpaniji ai termini tal-artikolu 274 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jgħid illi r-Reġistratur tal-Kumpaniji rreġistra d-dokumenti msemmija u l-avviż ai termini tal-artikolu 401(1)(e) ġie ppublikat fl-1 ta' Marzu 2022 sabiex malli jgħaddu it-tliet xhur minn dik id-data l-kumpanija tiġi *struck off* minn fuq ir-reġistru.

Jispjega li l-kumpanija kellha fil-pussess tagħha s-somma ta' miljun, mija u sitta u disgħin elf, ħames mija u seba Dollari Amerikani (USD 1,196,507) liema somma kellha tiġi distribwita lill-azzjonisti skont l-iskema msemmija.

Jgħid li rriżulta li fit-13 ta' Mejju 2022, u ċioe tmintax (18) -il jum qabel l-iskadenza tal-imsemmi terminu, ir-rikorrenti intavola rikors ai termini tal-artikolu 275(1) tal-Kap 386 sabiex jiġi estiż l-imsemmi terminu minħabba li kien sab diffikulta` jiddistribwixxi s-somma ta' miljun, mija u għaxart elef, seba' mija u disgħa u tmenin Dollaru (USD 1,110,789.50) stante li sab diffikulta` sabiex jintraċċa u jqassam l-assi tal-

Kumpanija, anke minħabba li ċertu azzjonisti kien għadhom m'għaddewlux id-dokumenti neċessarji.

Jispjega li minħabba li r-Reġistratur tal-Kumpanija kien għadu mhux notifikat bl-imsemmi rikors, l-isem tal-kumpanija tħassar minn fuq ir-Reġistru fl-1 ta' Ġunju 2022. Jispjega li kien biss fis-17 ta' Ġunju 2022 illi r-Reġistratur ħa konjizzjoni tal-imsemmi rikors, iżda sa dakinhar isem il-kumpanija kien diġa tħassar.

Jispjega li hu għalhekk li qiegħed jitlob li isem il-kumpanija **NC-Metric SICAV plc (SV9)** jiġi restitwit fir-Reġistru sabiex tiġi sanata l-irregolarita illi nħolqot.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

*(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*

*(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*

*(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi hemm ammont konsiderevoli ta' assi, sew aktar minn hamsin fil-mija, u ċioe s-somma ta' miljun, mija u għaxart elef, seba' mija u disgħa u tmenin Dollaru (USD 1,110,789.50) li għadhom ma ġewx distribwiti lill-azzjonisti.

Huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-fatt li l-istalċ ġie konkluż mingħajr ma ġew distribwiti l-assi kollha tikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li hawnekk si tratta ta' stat ta' illegalita' illi sar minħabba n-nuqqas ta' riżorsi u sens t'urġenza li jippersistu fir-Reġistru tal-Qorti u dana stante li jidher ċar li r-rikorrenti f'dan il-każ, li sab ruħu f'diffikulta` sabiex jiddistribwixxi l-assi tal-kumpanija, għamel dak rikjest minnu mil-liġi, fiż-żmien minnu rikjest u ċioe` li ntavola rikors ai termini tal-artikolu 275(1) tal-Kap 386, tmintax (18) -il jum qabel ma kienu jgħalaq it-terminu ta' tliet xhur preskritt mill-artikolu 401(1).

Mill-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti noe mhux kkontestati, jirrizulta illi r-rikorrent intavola r-rikors tieghu fit-13 ta' Mejju 2022 u kien notifikat lir-Registratur intimat fis-17 ta' Gunju 2022, izda sa dak in-nhar il-kumpannija kienet lehqet gie mnehhija minn fuq ir-Registru.

Il-Qorti ma tistax f'dan il-każ ma tiġbidx l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati li meta jidħlu atti fir-Registru tal-Qorti tal-Kummerc, dawn għandhom jiġu **trattati b'urġenza** fir-Registru tal-Qorti sabiex jiġu evitati proċeduri u spejjeż inutli anke peress illi l-ligi tal-kumpanniji timponi hafna termini, hafna drabi qosra, u l-Qrati ma jistghux ikunu tard f'dak li ghandu jsir. Huwa ghalhekk illi l-Qorti ser tordna illi din is-sentenza tigi notifikata lis-CEO tal-Agenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpannija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod sabiex jiġu distribwiti l-assi msemmija fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tqis in-nuqqas ta' distribuzzjoni tal-assi kollha qabel ma ġie ffinalizzat tal-istralċ tal-kumpannija msemmija kien illegali u jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u konsegwentament:

1. **Tordna** li l-isem **NC-Metric SICAV plc (SV9)** jerġa jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.

2. **Tordna** illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanija **NC-Metric SICAV plc (SV9)** limitatament sabiex jiġi distribwiti l-assi li jikkonsistu fis-somma ta' miljun, mija u għaxart elef, seba' mija u disgħa u tmenin Dollaru (USD 1,110,789.50) lill-azzjonisti tal-istess kumpanija skont l-iskema ta' distribuzzjoni kif approvata fil-laqgħa ġenerali tas-27 ta' Jannar 2022.

3. **Taħtar** lir-rikorrenti l-**Avukat Dr Jean C Farrugia** sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija **NC-Metric SICAV plc (SV9) u sabiex jaqdi l-inkarigu tieghu fit-termini hawn deciz**.

4. **Tordna** lill-istess stralċjarju Avukat Dr Jean C Farrugia sabiex jaghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jiġu distribwiti l-assi li jikkonsistu fis-somma ta' miljun, mija u għaxart elef, seba' mija u disgħa u tmenin Dollaru (USD1,110,789.50) lill-azzjonisti tal-istess kumpanija skont l-iskema ta' distribuzzjoni kif approvata fil-laqgħa ġenerali tas-27 ta' Jannar 2022 u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

   a) Illi dan il-process ta' kontinwazzjoni u finalizazzjoni tal-process ta' l-istralc tal-kumpannija **NC-Metric SICAV plc (SV9)** għandu jkun komplut sa żmien <u>massimu</u> ta' sentejn mill-llum, b'dan illi wara dan iperjodu, ir-Reġistratur intimat jkollu s-setgha illi jerġa' jneħħi isem il-kumpanniji msemmija minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji;

   b) F'eventwalita' illi jigu distribwiti l-assi lill-azzjonisti tal-istess kumpanija skont l-iskema ta' distribuzzjoni kif approvata fil-laqgħa ġenerali tas-27 ta' Jannar 2022 qabel l-eghluq ta' dawn is-sentejn, ir-rikorrenti stralċjarju għandu javża

b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji minnufih.

c) Illi l-qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralcarju tagħha sabiex isir xi haġa oħra, għajr għal dak hawn deċiz u huwa għalhekk illi l-Qorti qed taghmilha cara illi una volta' ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpannija NC-Metric SICAV plc (SV9) tista biss, entro l-perjodu massimu hawnekk konċess, tgħaddi biex tiddistribwixxi l-assi hawn fuq imsemmija u xejn aktar.

d) Illi l-ispejjes ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija kummerċjali b'responsabilita limitata NC-Metric SICAV plc (SV9) fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpanija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Tordna l-komunika ta' din is-sentenza lis-CEO tal-Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati sabiex tieħu konjizzjoni tal-istess kif u fejn hawn fuq riferit.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**